MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 96/2008

**First United Insurance Brokers Limited (C 22502)**

**-vs-**

**RSL Company Limited (C 30847)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjetà attrici talbet li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tmien mija u sebgha u sittin euro (€867) ekwivalenti ghal tliet mija u tnejn u sebghin lira maltin u ghoxrin centezmu (Lm372.20) hlas fuq polza t'assikurazzjoni mahruga mis-socjetà attrici favur is-socjetà konvenuta kif jirrizulta mid-Dokument immarkat 'Dok A' anness mal-avviz.

Is-socjetà konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha jsir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Frar, 2007 mibghuta ghat-tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12

tal-Ligijiet ta’ Malta bl-imghaxijiet mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra s-socjetà konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjetà konvenuta li biha wiegbet illi t-talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex fl-ewwel lok trattandosi ta’ *insurance broker* hi qatt ma setghet harget f’polza t’assikurazzjoni, ghaliex huma l-*insurance principals* jew agenti li jistghu jaghmlu dan, u huma biss jista’ ifittxu ghall-*premiums*.

Illi fit-tieni lok qatt ma nghataw struzzjonijiet minghand is-socjetà eccipjenti lis-socjetà attrici sabiex tinbeda l-*insurance policy*.

Sema’ x-xhieda ta’ Andrew Magri, Salvino Mifsud Bonnici, Salvatore Rimmaudo u Michael Sciortino.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ PL Noel Scerri ghas-socjetà attrici u ta’ Dr Richard Galea Debono ghas-socjetà konvenuta.

**Ikkonsidra**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi fis-sena 2005 is-socjetà attrici taht il-vesti ta’ *insurance broker* kienet informat lil Citadel Insurance plc li l-polza tal-konvenut li kienet ser tiskadi ser tigi mgedda ghal tnax-il xahar b’effett mit-28 ta’ Mejju, 2005 versu premium ta’ tmien mija u sitta u disghin euro u wiehed u tmenin centezmi (€896.81) - (Lm385) *plus duty/fees* u nhareg *invoice* opportun ta’ disa’ mija u tmienja u disghin euro u erbatax-il centezmu (€998.14) - (Lm428.50c).

In segwitu però s-socjetà attrici, permezz ta’ e-mail tas-6 ta’ Lulju, 2005 kienet informat lil Citadel illi l-polza kienet harget bi zball ghax kien hemm ‘*misunderstanding*’ bejn il-

First Insurance Brokers Ltd u l-klijent u ghalhekk l-invoice giet '*reversed*' fis-6 ta' Lulju, 2005.

F'dan l-iskambju ta' korrispondenza hemm indikat illi l-klijent kien qed jaghmel xi xoghlijiet fil-hanut u f'Settembru ta' wara kien ser jerga' jsir kuntatt mal-assikurazzjoni.

Effettivament Andrew Magri Demajo ghas-socjetà attrici, wara li gie ffissat appuntament mal-avukat tal-istess socjetà konvenuta li kienet ohtu Dr Doranne Magri Demajo, mar il-hanut tal-konvenut f'Windsor Terrace, Sliema f'Marzu 2006. Meta wasal is-Sur Rimmaudo ma kienx prezenti u kellhom imorru ghalih.

Andrew Magri Demajo xehed illi dakinhar is-Sur Rimmaudo talbu kwotazzjoni izda sussegwentement fil-konversazzjoni jghid li Rimmaudo kkonferma illi fil-fatt kellu struzzjonijiet cari u precizi sabiex tohrog il-polza. Di fatti Magri Demajo mar l-ufficcju, inharget cover note u ftit granet wara Citadel Insurance plc harget il-polza t'assikurazzjoni fuq struzzjonijiet tas-socjetà attrici *qua* broker.

Il-konvenut da parti tieghu jsostni illi dik kienet l-unika darba li ltaqgha mas-Sur Magri Demajo fuq il-kwistjoni mertu tal-kawza u dakinhar kull ma talab kien illi jinghata quotation biex hu imbaghad juriha lill-konsulenti tieghu l-Italja billi hu jmur l-Italja frekwentement u mbaghad jiddeciedi wara. Huwa jiddikjara illi ma ffirma xejn u ma kkonfermax it-talba ghall-polza t'assikurazzjoni.

Kemm is-Sur Rimmaudo kif ukoll Michael Sciortino, l-accountant li jiehu hsieb il-business tal-kumpanija, ikkonfermaw illi huma qatt ma rcevew cover note jew kopja tal-polza t'assikurazzjoni.

Da parti taghha s-socjetà attrici ssostni illi hija pprovat tkellem lis-Sur Rimmaudo diversi drabi izda dejjem kien jkun imsiefer u kienu jhallu risposti mas-salesgirl u kienu jibghatu anke korrispondenza f'dan ir-rigward u ma kellhomx risposta hlief meta huma bdew proceduri gudizzjarji.

Da parti tieghu s-Sur Rimmaudo qal illi huwa halla f'idejn Michael Sciortino. Michael Sciortino xehed illi meta huwa rcieva statement, huwa ma kienx jaf ghalxiex intbaghat l-istatement u ghalhekk cempel lis-socjetà attrici u meta tkellem ma min wiegeb it-telephone, informaha illi ma kienux taw struzzjonijiet biex tinhareg polza t'assikurazzjoni u fil-file ma kellhom records ta' xejn dwar dan. Ghalhekk minn dakinhar il-quddiem beda jinjora r-reminders li bdew jintbaghtu.

Is-socjetà attrici presumibbilment b'rizultat tat-telefonata ta' Michael Sciortino mbaghad kancellat il-polza u rriduciet il-kont. Il-kont tal-polza originali kien ta' erba' mija u disgha u ghoxrin lira maltin (Lm429) li huwa ekwivalenti ghal disa' mija u disgha u disghin euro u tletin centezmu (€999.30) u ghalhekk f'Novembru nhareg credit note ta' mija u disgha u sittin lira maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm169.88) li huma ekwivalenti ghal tliet mija u hamsa u disghin euro u wiehed u sebghin centezmu (€395.71) biex b'hekk f'ghajnejn s-socjetà attrici, l-konvenut kellu kopertura minn Ottubru 2006 sa Marzu 2007. Hija qed titlob l-premium relattiv ghal dan il-perjodu.

F'din il-kawza s-socjetà attrici qieghda tagixxi bhala broker. Ir-relazzjoni diretta mal-assikurazzjoni, Citadel Insurance plc, saru mill-broker direttament. Ma jirrizultax li l-konvenut qatt kellu kuntatt dirett ma' Citadel f'dina l-vertenza.

Hemm konflitt evidenti fil-provi u fic-cirkostanzi tal-kaz jispetta lis-socjetà attrici sabiex iggib prova sufficjentement konvincenti li dakinhar li saret il-laqgha bejn Magri Demajo u Salvatore Rimmaudo kien hemm ftehim biex tinhareg il-polza t'assikurazzjoni.

Favur din it-tezi ghandna x-xhieda ta' Magri Demajo kif ukoll id-dokumentazzjoni tal-cover note u tal-polza.

Kontra din t-tezi ghandna l-fatt li ma gie iffirmat l-ebda dokument mill-konvenut. Il-konvenut jichad li kien ta

struzzjonijiet ghall-kopertura assikurattiva. Meta l-accountant Michael Scirtino rcieva statement minghand s-socjetà attrici lanqas biss kien jaf ghalxiex kien intbaghat u fil-fatt cempel lis-socjetà attrici ghall-spjegazzjoni u dakinhar ghamilha cara li ma kienx hemm konferma minghand is-Sur Rimmaudo ghall-polza *de quo*. Is-socjetà attrici minnufih kancellat il-polza.

It-Tribunal kellu l-opportunita' li jisma' kemm lil Magri Demajo kif ukoll lil Rimmaudo fuq il-pedana tax-xhieda. Saritilhom il-kontro-ezami u t-tnejn baqghu jaffermaw il-posizzjoni. It-Tribunal jsibha difficli jaghzel wiehed mill-iehor u jazzarda li possibilment kien hemm *break in communication* bejniethom stante li Rimmaudo jitkellem bit-taljan u forsi z-zewg partijiet, ghalkemm certi mill-posizzjoni taghhom, fil-fatt ma fehmux lil xulxin perfettament.

Fid-dawl ta' dan il-konflitt fil-provi t-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjetà attrici ma rnexxilhiex iggib provi sufficjenti li Salvatore Rimmaudo kkonferma li ried il-polza u konsegwentement m'hemmx ghalfejn li dan it-Tribunal jidhol fl-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut.

Qabel ma jikkonkludi però t-Tribunal jidhirlu li ghandu jaghmel accenn (aside) dwar l-quantum mitlub. L-invoice originali kien ghal disa' mija u disgha u disghin euro u tletin centezmu (€999.30) - (Lm429) u insegwitu nhareg credit note ta' tliet mija u hamsa u disghin euro u wiehed u sebghin centezmu (€395.71) - (Lm169.88) biex b'hekk jigi li l-bilanc, kieku ghal grazzja ta' l-argument kellha tintlaqa t-talba attrici, kien jkun ta' sitt mija u tliet euro u disgha u hamsin centezmu (€603.59) - (Lm259.12) u mhux ta' tmien mija u sebgha u sittin euro (€867) - (Lm372.20).

Ghal dan il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici bhala mhux sodisfacentement provata bl-ispejjez.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------